MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 27/2005

**Rachelle Buttigieg**

**Vs**

**HSBC Bank Malta plc bhala l-agent ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera HSBC Bank plc.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet illi:

Illi l-esponenti kienet impjegata mas-socjeta' HSBC Bank plc fil-fergha tal-Midland Bank plc, l-Istrand, Gzira liema Bank kien u ghadu propjeta' ta' HSBC Bank plc.

Illi hija kienet giet impjegata bhala Banking Operations Clerk fl-1998.

Illi f'Gunju ta' l-1999 l-HSBC Bank plc xtrat il-bank Malti Mid-Med Bank plc u per konsegwenza ta' dan it-trasferiment l-impjegati kollha tal-Midland Bank plc kienu gew "*seconded*" lil HSBC Bank Malta plc liema bank kien gie registrat hawn Malta biex jiggestixxi l-operazzjonijiet ta' dak li kien il-Mid-Med Bank plc.

Illi kwindi l-esponenti qatt ma kienet impjegata ma' l-HSBC Bank Malta plc gia Mid-Med Bank plc.

Illi wara li l-HSBC Bank plc xtrat il-Mid-Med Bank plc kien sar "*collective agreement'*" bejn l-HSBC Bank Malta plc gia Mid-Med Bank plc u l-impjegati ta' l-istess Mid-Med Bank plc li kienu diga' impjegati tal-Mid-Med Bank plc qabel l-HSBC Bank plc xtara l-istess Mid-Med Bank plc.

Illi l-istess HSBC Bank Malta plc riedet illi l-impjegati tal-Midland Bank plc. jigu dikjarati ''*redundant''* billi l-fergha tal-Midland Bank plc "ghalqet'' wara li l-Mid-Med Bank plc sar l-HSBC Bank Malta plc. L-istess socjeta' intimata offriet impjieg gdid ma' l-HSBC Bank Malta plc lill-haddiema kollha tal-Midland Bank plc taht kundizzjonijiet inqas favorevoli minn dawk li kienu jgawdu meta kienu jahdmu mal-Midland Bank plc u cioe' ma' l-HSBC Bank plc.

Illi l-esponenti kienet l-unika impjegata li ma accettatx dawn il-kundizzjonijiet godda. Minhabba l-pozizzjoni li hadet l-impjieg taghha gie terminat fis-7 ta' Novembru, 2000.

Illi r-raguni li nghatat mill-HSBC Bank plc ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha kien ghaliex il-fergha tal-Midland Bank plc ghalqet u kwindi ma kienx hemm impjieg ghaliha.

Illi cio nonostante l-impjegati kollha barranin li kienu gew "*seconded*" mill- HSBC Bank plc lil HSBC Bank Malta plc

ma gewx dikjarati "*redundant"* l-esponenti. Fost dawn hemm Huw Morgan (Head of Operations HSBC Bank Malta plc), Stuart McLeod (Head of Human Resources) u Tom Robson (Chief Executive). Dawn ghadhom "*seconded*'' mill-HSBC Bank plc lil HSBC Bank Malta plc.

Illi kwindi wiehed ma jistax jirrikoncilja r-raguni ghaliex gie terminat l-impjieg ta' l-esponenti mal-fatt li l-*expatriates* kollha zammew l-impjieg taghhom ma' l-HSBC Bank plc minkejja li kienu u ghadhom ''*seconded*'' ma' l-HSBC Bank Malta plc.

Illi dan jikkostitwixxi agir diskriminatorju fil-kuntest tal-Kostituzzjoni ta' Malta ai termini ta' l-artiklu 45 u skond l-artiklu opportun tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti ai termini ta' l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ai termini ta' l-artiklu opportun tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara:

1. li saret vjolazzjoni ta' dritt fundamentali ta' l-esponenti ai termini ta' l-artikli precitati tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dawk tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. taghti rimedju lil l-esponenti skond il-ligi.

Rat ir-**risposta tas-socjeta' intimata** a fol. 5 tal-process fejn eccepiet:

1. Preliminarjament illi s-socjeta' citata mhix agenti gewwa Malta tas-socjeta' HSBC Bank plc. m'hix prezenti gewwa Malta u m'ghandhiex assi gewwa Malta u ghalhekk m'hemmx gurisdizzjoni fuq din is-socjeta' ai termini ta' l-Artikolu 741 tal-Kap. 12.

*2.* Preliminarjament ukoll illi din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' premessi u talbiet ibbazati ''ai termini ta' l-artikolu opportun tal-*Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet*

*tal-Bniedem".* Bhala minimu r-rikorrenti trid taghti nformazzjoni preciza mhux biss taht liema artikolu qeghda taghmel it-talba taghha, izda meta dak l-artikolu jikkontempla iktar minn event wiehed, trid tghid liema minn dawk l-eventi hija qeghda tilmenta minnhom.

3. Fuq l-istess principju l-ilment ibbazat fuq l-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni huwa vag wisq biex jigi milqugh. Dan l-artikolu jsemmi numru ta' tipi ta' diskriminazzjoni, u r-rikorrenti trid tghid mill-liema tip ta' diskriminazzjoni qeghda tilmenta. Diversament l-intimat irid jindovina liema parti mill-artikolu qed jigi mixli tahtu.

*4.* Fil-mertu tal-kaz, illi din il-Qorti ghandha tezercita' id-diskrezzjoni taghha sabiex tiddeklina li tiehu konjizzjoni tal-kaz taht il-'*proviso*' tat-tieni nciz ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan ghaliex il-kwistjoni in mertu hija wahda ta' relazzjonijiet industrijali, u jekk ir-*redundancy* tar-rikorrenti ma kienitx valida ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors, din kienet xi haga sindakabbli mit-Tribunal Industrijali, u r-rikorrenti kellha l-fakolta' kollha li tadixxi dak it-tribunal li kien ir-rimedju ordinarju taghha. Ma nghatat ebda raguni mir-rikorrenti il-ghala hija halliet hames snin jghaddu qabel ma' ressqet din il-vertenza, u il-ghala hija ma talbitx ir-rimedju ordinarju imsemmi.

*5.* Ukoll fil-mertu tal-kaz l-addebitu taht l-artikolu 45 ma jistax jigi mputat lil l-intimat, billi l-istess artikolu jikkundanna BISS azzjoni diskriminatorja li ssehh minn awtorita' pubblika, jew fil-qadi ta' funzjonijiet li jemanaw minn ufficcju pubbliku. Dawn ma japplikawx ghas-socjeta' intimata. Li hija socjeta' kummercjali minghajr ebda konnessjoni mas-settur pubbliku.

*6.* Illi l-addebitu li l-intimat ikkommetta agir li huwa trattament inuman jew degradanti huwa ghal kollox fittizju. Ir-rikorrenti ma nghatat ebda trattament inuman jew degradenti. Din kienet tokkupa pozizzjoni. Meta dik il-pozizzjoni giet *redundant*, din saritilha offerta' ohra ta' impjieg, li giet accettata mill-kollegi kollha taghha. Hi biss ghazlet li ma tiehux l-offerta' l-gdida. Bhala konsegwenza saret *redundant*. Din hija materja purament ta' kwistjoni

ndustrijali, tezula kompletament mill-kamp ta' trattament inuman jew degradanti.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal a fol 10 li bih l-intimati irtiraw l-ewwel eccezzjoni;

Rat il-verbal a fol 10 fejn ir-rikorrenti spjegat a bazi ta' liema artikoli Kostituzzjoniali u Konvenzjonali hija qed tibbaza t-talba taghha;

Rat in-noti tal-partijiet:

**KONTESTAZZJONI**

Illi r-rikors thalla ghal lum ghas-sentenza fuq ir-raba eccezzjoni ta' l-intimati.

Fl-eccezzjoni msemmija l-intimati qed jghidu li din il-Qorti ghandha tezercita' id-diskrezzjoni taghha sabiex tiddeklina li tiehu konjizzjoni tal-kaz taht il-'*proviso*' tat-tieni nciz ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan ghaliex il-kwistjoni in mertu hija wahda ta' relazzjonijiet industrijali, u jekk ir-*redundancy* tar-rikorrenti ma kienitx valida ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors, din kienet xi haga sindakabbli mit-Tribunal Industrijali, u r-rikorrenti kellha l-fakolta' kollha li tadixxi dak it-tribunal li kien ir-rimedju ordinarju taghha. Ma inghatat ebda raguni mir-rikorrenti il-ghala hija halliet hames snin jghaddu qabel ma' ressqet din il-vertenza, u il-ghala hija ma talbitx ir-rimedju ordinarju imsemmi.

Ir-rikorrenti qed tissottometti li waqt li r-rimedju ghat-tkeccija ngusta jaqa' indubbjament taht il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali fuq kwistjonijiet ohra bhal hi diskriminazzjoni hemm *concurrent jurisdiction* ma ligi ohra li tghodd. Ir-rikorrenti tghid li hi qed titlob rimedju mhux ghat tkeccija ngusta izda ghal rimedju minhabba il-

fatt li hija giet diskriminata billi ma gietx integrata mas-socjeta' HSBC bl-istess kondizzjonijiet li gew integrati impjegati ohra.

L-intimati wiegbu li r-rikorrenti interpretat ir-raba' eccezzjoni taghhom hazin billi din mhiex dwar kompetenza tal-Qorti izda hija bazata fuq l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni li taghti diskrezzjoni lill dina l-Qorti li tiddeklina li tezercita d-diskrezzjoni taghha meta r-rikorrenti jkollha rimedju ordinarju li hija ma tkunx uzat. Ir-rikorrenti ma tat ebda raguni ghalhiex ma uzatx dan ir-rimedju ordinarju li kellha.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi effettivament ir-raba' eccezzjoni ta' l-intimati hija kif indikaw l-intimati cjoe li huma qed jitlobu li dina l-Qorti tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha billi r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju.

L-ilment tar-rikorrenti huwa dwar tkeccija ingusta – fejn hija giet dikjarata *redundant* meta  ma accettatx il-kondizzjonijiet li shaba l-ohra accettaw, liema kondizzjonijiet pero' r-rikorrenti tikkunsidra bhala li kienu nferjuri ghall kondizzjonijiet li hija kienet tgawdi qabel. Ir-rikorrenti qed tirritjeni li l-intimati mxew b'mod diskriminatorju fil- konfront taghha u dana jintitolha li tmexxi b'dina l-azzjoni kostituzzjonali.

Il-Qorti trid tezamina f'dan il-kaz jekk ir-rikorrenti verament kelliex rimedju ordinarju ghall-ilment taghha u jekk dan ir-rimedju kienx wiehed effettiv.

"Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur

jew theddid ta' ksur lamentat[1]. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed il jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci[2];

Illum hu pacifiku illi "meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbili ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillmenta, bhala principju generali, dawn ghandhom jigu adoperati, u rikors ghall-organi gjudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jigi ezawriti jew meta ma humiex aktar disponibbili…. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkunsidra li m'ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha, jekk dak il-possibili rimedju ma kienx pero' se jirrimedja dik il-parti mill-lanjanza tar-rikorrent" (Kost. Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister noe 7 ta' Marzu, 1994).

Ir-rikorrenti qed tissottometti li l-materja ta' diskriminazzjoni f'dan il-kaz setghet tigi investigata u rettifikata biss mill-organi gudizzjarji kostituzzjonali. Ghalkemm hu veru li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha gurisdizzjoni originali biex tittratta u tiddeciedi materji ta' vjolazzjoni attwali jew mhedda tad-drittijiet fondamentali, fosthom kwistjoni ta' diskriminazzjoni, dan ma jfissirx li kull Qorti jew Tribunal iehor kellu necessarjament iwarrab mill-konsiderazzjoni tieghu kull sottomissjoni li ssirlu fir-rigward ta' xi allegata diskriminazzjoni li tolqot il-mertu li jaqa' fil-kompetenza ta' tali Qorti jew Tribunal.

Ghalhekk ma hemm xejn x'izomm Tribunal milli jindaga u jiddeciedi allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bhal dik avvanzata mir-rikorrenti. L-organi gudizzjarji u kwazi gudizzjarji kollha ghandhom jinterpretaw u japplikaw il-ligi fid-dawl ta' l-assjem tad-dritt Malti, li certament jinkludi wkoll rispett ghad-drittijiet fondamentali, u dana sa fejn dan hu konsentit lilhom li jaghmlu hekk fil-parametri tal-ligi

[1] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawza fl-ismijiet *Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et* (Kollez. Vol: LXXV.i.106).
[2] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawza fl-ismijiet *Clifton Borg v. Kummissarju tal-Pulizija* (mhix pubblikata).

li huma jkunu qeghdin jinterpretaw. Jekk imbaghad dawk l-organi jkunu, skond dik il-ligi, jistghu jipprovvdu rimedju xieraq u adegwat ghal-lezjoni tal-jedd fondamentali, kien dak ir-rimedju li kellu l-ewwel jigi mfittex, u dan qabel ma jsir rikors quddiem l-organi gudizzjarji ta' kompetenza kostituzzjonali (ara f'dan is-sens is-sentenza Appell Rapa vs Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar et 31 ta' Mejju 2000 u Kost. Tabone Computer Centre Ltd Vs Direttur tat-Telegrafija 16/4/2004).

Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz il-kwistjoni hija wahda ta' relazzjonijiet industrijali u jekk ir-*redundancy* tar-rikorrenti kienitx valida jew le, ghar-ragunijiet imsemmija mir-rikorrenti, kemm jekk taqa' taht il-Kap 266 u aktar u aktar jekk taqa' taht il-Kap 452, hija materja sindakabbili mit-Tribunal Industrijali, inkluza ghalhekk il-kwistjoni dwar jekk saritx diskriminazzjoni fil-konfront taghha u ir-rikorrenti kellha l-fakolta' kollha li tadixxi dak it-tribunal ghar rimedju ordinarju.

Inoltre l-Qorti tirrileva li "l-ezistenza ta' rimedju iehor trid titqies fiz-zmien ta' l-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiz-zmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[3]. M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhal li kieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[4].

Fil-kaz in ezami l-impieg tar-rikorrenti gie terminat fis-7 ta' Novembru 2000 mentri r-rikors kostituzzjonali taghha gie prezentat fis 26 ta' April 2005 u r-rikorrenti ma tat ebda raguni ghaliex ma applikatx ghar-rimedju ordinarju meta l-impieg taghha gie terminat. Ma nghatat ebda raguni mir-rikorrenti il-ghala hija halliet hames snin jghaddu qabel

---

[3] Kost. **9.10.2001** fil-kawza fl-ismijiet *Paul McKay v. Kummissarju tal-Pulizija et.*

[4] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawza fl-ismijiet *Spiteri v. Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et* (Kollez. Vol: LXXXIII.i.201).

ma’ ressqet dan il-kaz, u il-ghala hija ma talbitx ir-rimedju ordinarju imsemmi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ r-raba’ eccezzjoni ta’ l-intimati;
u tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha billi hija sodisfatta li r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju ghall ksur allegat minnha.

Spejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------